# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 7**
**Rikors numru 858/17**

**Emerenziana Bugeja**

**v.**

**Joseph Muscat u Laetizia Scicluna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenuti li permezz tieghu qed titlob is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2017 li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. Dan l-appell deciz f'dik id-data kien dwar azzjoni manutentionis intavolata mill-attrici liema talbiet taghha gew milqugha minn din il-Qorti.

Din il-materja hija regolata bl-Artikolu 823 (2) tal-Kodici tal-Procedura;

> *"2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm*

*quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk –*

*(a) "flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u*

*(b) "jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja".*

L-intimata f'dawn il-procceduri qed topponi ghal din it-talba l-ewwel nett ghaliex ma gietx provduta garanzija da parti tar-rikorrenti u wkoll ghaliex fil-fehma taghha hija ssofri pregudizzju akbar bis-sopensjoni milli jsofru r-rikorrenti jekk din is-sospensjoni tigi michuda.

Qabel xejn il-Qorti trid taghmilha cara li din il-garanzija hija differenti minn dik necessarja meta jigi intavolat appell. L-Artikolu 823 kif inghad, jaghmel riferenza ghall garanzija tajba **ghall-esekuzzjoni tas-sentenza** fil-waqt li meta l-ligi tirreferi ghall-garanzija ghall-ispejjez tal-appelli fl-Artikolu 249 hija tghid appuntu garanzija ghall-ispejjez. Madankollu din il-Qorti fid-digrieti taghha fil-kawzi fl-ismijiet **Rizzo v. Bezzina** (10 ta' Jannar 1995), **Bezzina v. Grech** (15 ta' Marzu 1993) u **Bugeja v. Agius** (17 ta' Marzu 1993) kienet tal-fehma li din il-garanzija mhijex sine qua non ghall prezentata tal-kawza ai termini tal-Artikolu 823 u dan ghaliex is-subartikolu 3 jghid illi:

*"(3) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(a), meta tingħata, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur".*

Ladarba allura l-ligi tinkludi l-kliem “meta tinghata” dan ifisser li l-istess garanzija tista’ ma tinghatax.

Kwantu ghal xi jkun l-akbar pregudzzju bis-sospensjoni ftit hemm dubbju li peress li l-esekuzzjoni tas-sentenza tinvolvi tnehhija ta’ strutturi tal-gebel, ikun aktar ghaqli li l-esekuzzjoni tistenna l-ezitu tat-talba ghal rittrattazzjoni. Madankollu l-Qorti tifhem ukoll il-frustrazzjoni tal-intimata Bugeja li wara process gudizzjarju illi ilu mis-sena 2006 ikollha tistenna biex tesegwixxi s-sentenza favur taghha msemmija.

Ghalhekk il-Qorti se tadotta l-istess principju adottat fil-provvediment taghha moghti fis-27 ta’ Gunju 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Stivala Operators Limited v. Nashira Limited** fejn dakinhar ordnat zieda fil-garanzija offerta; u f’dan il-kaz tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza b’dan ukoll billi tordna lir-rikorrenti biex fi zmien gimgha jiddepozitaw is-somma ta’ elf euro bhala garanzija.

Spejjez ta’ dan l-incident bla taxxa bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb